

Brussell, 14 ta' Marzu 2019
(OR. en)

7165/19

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0433(COD)

CODEC 608
AVIATION 46
PREP-BXT 99

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: **Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni biex tiġi żgurata konnettività bażika fit-trasport bl-ajru fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni (l-ewwel qari)**
- Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fl-20 ta' Diċembru 2018, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta¹ msemmija hawn fuq, ibbażata fuq l-Artikolu 100(2) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-20 ta' Frar 2019².
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat.
4. Fit-13 ta' Marzu 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill³.

¹ 15788/18.

² Għadha mhux ippublikata fil-ĠU.

³ 7161/19.

5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:

- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tidher fid-dokument PE-CONS 68/19, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bl-astensjoni tar-Renju Unit;
- jordna li fil-minuti ta' dik il-laqgħa jiddaħħlu d-dikjarazzjonijiet li jidhru fl-addendum għal din in-nota.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ser jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u l-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
